



Kumitat għas-Sajd

2022/2188(INI)

29.6.2023

OPINJONI

tal-Kumitat għas-Sajd

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar ir-rapport ta' implimentazzjoni tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit
(2022/2188(INI))

Rapporteur għal opinjoni (*): João Albuquerque

(*): Proċedura b'kumitati assoċjati – Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għas-Sajd jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitati responsabbli, biex jinkorporaw is-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tagħhom:

- A. billi l-politika komuni tas-sajd¹ (PKS) tirrikjedi li l-UE tippromwovi u tiżgura l-objettivi u l-prinċipji tal-politika fi kwalunkwe attività tas-sajd irrispettivament miż-żona ġeografika sabiex tippovdi kundizzjonijiet ekwi għall-partijiet ikkonċernati tal-UE u mhux tal-UE; billi l-PKS tirrikjedi wkoll li l-UE tikkoopera internazzjonalment abbażi tal-aħjar għarfien xjentifiku disponibbli u tiġġieled is-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU);
- B. billi l-Ħames Intestatura (Sajd) tat-Tieni Parti tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit² (FKK) tirrikonoxxi l-importanza tal-konservazzjoni u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi u l-ekosistemi tal-baħar abbażi tal-aħjar parir xjentifiku disponibbli, kif ukoll l-importanza tal-promozzjoni ta' attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura responsabbli u sostenibbli, il-governanza tajba tas-sajd u r-rwol tal-kummerċ fl-ilħuq ta' dawn l-objettivi;
- C. billi l-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE kellu impatt qawwi fuq il-flotta tas-sajd tal-UE, li rriżulta fit-telf tal-kwota, id-dekummissjonar tal-bastimenti, u t-tfixkil tal-kummerċ u tal-intrapriżi kummerċjali li ilhom stabbiliti;
- D. billi ir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit³ ġiet stabbilita biex tippovdi appoġġ għal konsegwenzi negattivi li l-Istati Membri, ir-reġjuni u s-setturi esperjenzaw b'riżultat tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni u b'hekk biex jittaffew l-impatti negattivi relatati fuq il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali; billi l-bidla fl-ishma tal-kwoti mill-UE għar-Renju Unit matul il-perjodu ta' tranżizzjoni miftiehem fil-FKK se jkollha konsegwenzi ekonomiċi negattivi kbar għas-sajjieda tal-UE;
- E. billi l-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd se jħejji strateġiji pluriennali ta' konservazzjoni u ġestjoni biex iservu bħala bażi għad-determinazzjoni tal-qabdiet totali permissibbli u miżuri oħra ta' ġestjoni, inkluż għal stokkijiet barra l-kwota u għad-definizzjoni tal-ġbir ta' data xjentifika għal skopijiet ta' ġestjoni tas-sajd, kif ukoll għall-kondiviżjoni ta' din id-data ma' korpi xjentifiċi biex ikunu jistgħu jipprovdu l-aqwa parir xjentifiku possibbli;
- F. billi l-Protokoll dwar l-aċċess għall-ibħra, meħmuż mal-FKK bħala l-Anness 38, jipprevedi "perjodu ta' aġġustament", bejn l-1 ta' Jannar 2021 u t-30 ta' Ġunju 2026, li

¹ [Regolament \(UE\) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill \(KE\) Nru 1954/2003 u \(KE\) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill \(KE\) Nru 2371/2002 u \(KE\) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE \(ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22\).](#)

² [Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq \(ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10\).](#)

³ [Regolament \(UE\) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit \(ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1\).](#)

matulu kull parti għandha tagħti lill-bastimenti tal-parti l-oħra aċċess sħiħ għall-ibħra tagħha biex jistadu għall-ispeċijiet imsemmija fih; billi wara din id-data, l-aċċess reċiproku għall-ilmijiet u r-riżorsi tas-sajd se jkun is-suġġett ta' negozjati annwali bejn l-UE u r-Renju Unit; jenfasizza l-ħtieġa għal ċarezza dwar il-perjodu ta' wara t-tranżizzjoni sabiex jinżamm l-investment fis-settur;

- G. billi d-dispożizzjonijiet relatati mal-enerġija tal-FKK huma applikabbli wkoll sat-30 ta' Ġunju 2026; billi madankollu, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jista' jestendihom sal-31 ta' Marzu 2027 u kull sena minn hemm 'il quddiem;
- H. billi l-FKK inaqqas gradwalment is-sehem tal-opportunitajiet tas-sajd għall-flotta tal-UE fl-ilmijiet tar-Renju Unit b'25 % sal-2026, tnaqqis li se jaffettwa s-segmenti kollha tal-flotta tal-UE, b'mod partikolari s-sajd fuq skala żgħira;
- 1. Jirrimarka li l-impatt sħiħ tal-Brexit għadu mhux magħruf għalkollox, mhux l-inqas minħabba li l-implimentazzjoni sħiħa tal-FKK fir-rigward tas-sajd għadha għaddejjja u se titlesta biss wara li jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni fit-30 ta' Ġunju 2026; jenfasizza l-importanza ta' implimentazzjoni leali tal-FKK, meta jitqies li l-kwistjonijiet għadhom qed jifacċaw; jaqbel mar-rapport ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li "għad fadal ċerti sfidi", bħall-implimentazzjoni tal-arranġamenti tal-kummerċ tal-elettriku u l-implimentazzjoni sħiħa u korretta tad-dispożizzjonijiet dwar is-sajd;
- 2. Jistieden lill-Kummissjoni tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tiżgura li l-aċċess reċiproku għall-ilmijiet u r-riżorsi tas-sajd jinżamm wara t-30 ta' Ġunju 2026 u li ma jkun hemm l-ebda tnaqqis ulterjuri tal-kwoti għas-sajjieda tal-UE; jitlob li l-iskambju tal-kwoti tas-sajd bejn il-partijiet jiġu ssimplifikati u ma jkunux ta' piż fuq is-settur; ihegġegħ lill-Kummissjoni żżomm kull mezz ta' negozjati mar-Renju Unit miftuħ sabiex jinstabu soluzzjonijiet stabbli u permanenti li jkunu ta' benefiċċju għaż-żewġ partijiet, jipprovdu kundizzjonijiet stabbli u prevedibbli għas-sajjieda u għas-settur tas-sajd kollu kemm hu u jkopru l-perjodu lil hinn mill-2026; ifakkar fil-perjodi ta' validità li jikkoinċidu tad-dispożizzjonijiet tal-FKK dwar l-enerġija u dwar l-aċċess reċiproku għall-ilmijiet u r-riżorsi tas-sajd u jinnota r-rabta impliċita bejn dawn iż-żewġ oqsma settorjali fil-FKK;
- 3. Jinnota s-sitwazzjoni unika tal-Irlanda minħabba l-fruntiera tagħha mal-Irlanda ta' Fuq, il-ftehim tal-viċinat għal aċċess reċiproku għaż-żona bejn 0 u 6 mil nawtiku u d-dipendenza storika tagħha fuq l-aċċess reċiproku għall-ilmijiet tar-Renju Unit;
- 4. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar l-inċertezza maħluqa mill-klawżola ta' rieżami (l-Artikolu 510) taħt il-Fames Intestatura (Sajd) tat-Tieni Parti tal-FKK, li se tiġi applikata erba' snin wara t-tmiem tal-perjodu ta' aġġustament; jistieden lill-Kummissjoni timpenja ruħha malajr, b'mod kostanti u trasparenti f'negozjati għal ftehim pluriennali għal wara l-2026 filwaqt li tiżgura l-istabbiltà, il-prevedibbiltà u l-vijabbiltà ekonomika tas-settur; jenfasizza li dan il-ftehim irid ikun marbut mar-rieżami ġenerali tal-FKK u ma jridx jippermetti aktar telf fi kwoti kondiviżi għall-UE; jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq l-importanza li l-aspetti kollha tal-FKK jinżammu interkonnessi, b'mod partikolari li l-aċċess għas-suq uniku għar-Renju Unit jintrabat mad-dispożizzjonijiet dwar is-sajd tal-FKK;
- 5. Itenni li l-aċċess reċiproku u kontinwu għall-ilmijiet u r-riżorsi tas-sajd irid jitqies bħala

parti ewlenija tar-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Renju Unit u, għalhekk, irid jiġi indirizzat flimkien mal-għadd kbir ta' kwistjonijiet relatati mal-kummerċ u l-aċċess għas-suq uniku; ifakkar lill-Kummissjoni li huwa essenzjali li jiġi żgurat li, mill-2026, il-FKK jiġi applikat b'mod stabbli u sostenibbli wara l-perjodu ta' tranżizzjoni;

6. Ifakkar li, jekk ir-Renju Unit jiddeċiedi li jillimita l-aċċess tal-bastimenti tas-sajd tal-UE għall-ilmijiet Brittaniċi fi tmiem il-perjodu ta' aġġustament, l-UE tkun tista' tiegħu miżuri biex tippoteġi l-interessi tagħha; ifakkar li, f'konformità mal-FKK innifsu, dawn il-miżuri jinkludu l-istabbiliment mill-ġdid ta' tariffi jew kwoti fuq l-importazzjonijiet tal-ħut tar-Renju Unit u s-sospensjoni ta' partijiet oħra tal-FKK jekk ikun hemm riskju ta' diffikultajiet ekonomiċi jew soċjali serji għall-komunitajiet tas-sajd tal-UE; jisħaq li, f'dan ir-rigward, l-UE għandha tikkunsidra li torbot partijiet speċifiċi oħra tal-FKK, bħall-aċċess tar-Renju Unit għas-suq tal-elettriku Ewropew, kif ukoll setturi rilevanti oħra fl-ambitu tal-FKK, mal-aċċess tal-UE għall-ilmijiet u r-riżorsi tas-sajd Brittaniċi;
7. Jisħaq li, sabiex jiġi żgurat li l-FKK ikun implimentat bis-sħiħ, għandhom jintużaw u jiġu sfruttati l-istrumenti legali rilevanti kollha, inklużi dawk relatati mal-aċċess għas-suq, kif ukoll il-miżuri kumpensatorji u ta' rispons u l-mekkaniżmi għas-soluzzjoni tat-talwim kollha previsti mill-FKK;
8. Jistieden lill-Kummissjoni tassisti lill-Istati Membri fl-użu tal-fondi b'pass aktar mgħaġġel u fil-livell sħiħ tagħhom fl-ambitu tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit għall-promozzjoni u l-appoġġ tas-settur tas-sajd u l-komunitajiet kostali affettwati u biex jiġi kkompensat it-telf imġarrab mill-flotot kollha, inklużi dawk fuq skala żgħira; jiddispjaċih li r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit mhix qed tintuża biex tgħin lis-setturi tal-bejgħ bl-ingrossa u tal-ipproċessar, li ntlaqtu ħażin minn din il-kriżi;
9. Jistieden lill-Renju Unit joqgħod lura milli jadotta kwalunkwe miżura teknika unilaterali diskriminatorja; itenni li l-FKK jipprevedi li l-miżuri tekniċi għandhom ikunu proporzjonati, għandhom ikunu bbażati fuq l-aħjar parir xjentifiku, għandhom japplikaw bl-istess mod għall-bastimenti taż-żewġ partijiet u għandhom jiġu nnotifikati minn qabel; jisħaq fuq ir-rwol tal-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd fit-tfittxija ta' approċċ komuni dwar il-miżuri tekniċi u fid-diskussjonijiet dwar kwalunkwe miżura li parti waħda tista' tagħti avviż dwarha lill-oħra; ifakkar li l-FKK jobbliga lil kull parti tiġġustifika b'mod preċiż in-natura nondiskriminatorja ta' kwalunkwe miżura f'dan il-qasam u l-ħtieġa li tiġi żgurata sostenibbiltà ambjentali fit-tul, abbażi ta' data xjentifikament verifikabbli; itenni li huwa mixtieq ħafna li r-Renju Unit iżomm kemm jista' jkun mill-qrib mar-regoli tal-UE; jisħaq li għandu jkun hemm aktar koordinazzjoni mal-UE dwar dan u li għandu jkun hemm proċeduri xierqa għan-notifika u l-parteċipazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tkun partikolarment viġilanti dwar jekk hemmx konformità ma' dawn il-kundizzjonijiet u tirreaġixxi bil-qawwa jekk ir-Renju Unit jaġixxi b'mod diskriminatorju;
10. Jenfasizza, b'mod partikolari, li d-deżinjazzjoni taż-żoni protetti tal-baħar trid tkun nondiskriminatorja, ibbażata fuq ix-xjenza u proporzjonata; jenfasizza li ż-żoni protetti tal-baħar għandhom jiġu stabbiliti b'objettivi ta' konservazzjoni definiti sew u ma għandhomx jintużaw bħala għodda biex jiġi ristrett l-aċċess barrani għall-ibħra; jiddispjaċih, f'dan ir-rigward, dwar l-approċċ unilaterali li ħa r-Renju Unit fir-rigward tad-deżinjazzjoni ta' żoni b'restrizzjonijiet għas-sajd madwar Dogger Bank u l-fatt li r-

Renju Unit qed jippjana li juża dawn iż-żoni għal attivitajiet ekonomiċi oħra;

11. Jopponi d-deċiżjonijiet kollha meħuda unilateralment li jstabilixxu opportunitajiet tas-sajd li jiksru d-dritt internazzjonali jew li jmorru kontra l-aħjar parir xjentifiku disponibbli u b'hekk ipoġġu f' dubju l-kredibbiltà tal-ftehimiet internazzjonali u jimminaw is-sostenibbiltà tal-isfruttament tar-riżorsi kondiviżi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tieħu kwalunkwe miżura meħtieġa u proporzjonata biex issolvi t-tilwim mal-partijiet internazzjonali kkonċernati u biex tiżgura konformità mal-obbligi internazzjonali;
12. Ifakkar li l-Brexit biddel ir-relazzjonijiet fost il-pajjiżi tal-Atlantiku tat-Tramuntana; jemmen li l-Brexit ma għandux jintuża biex tiġi mmanipulata d-distribuzzjoni tal-kwoti fil-Ftehimiet tat-Tramuntana; jinsisti li d-distribuzzjoni storika tal-opportunitajiet tas-sajd, dejjem stabbilita abbażi tal-aħjar data u pariri xjentifiċi disponibbli, għandha tiġi rispettata; jistieden lill-Kummissjoni ssib arranġamenti ta' ġestjoni tas-sajd stabbli u fit-tul mal-kontropartijiet tagħha fil-Grigal tal-Atlantiku;
13. Jesprimi tħassib dwar il-liċenzjar ta' bastimenti tal-UE; jinnota li l-bastimenti ta' inqas minn 12-il metru kienu fost dawk l-aktar milquta minn dewmien fl-għoti ta' liċenzji tas-sajd jew minn liċenzji rrifjutati, minħabba l-fatt li ħafna minnhom ma kinux mgħammra b'sistemi ta' monitoraġġ tal-bastimenti matul il-perjodu kollu ta' referenza; jiddispaċiħ li l-FKK ma qiesx ir-regoli fis-seħħ dwar is-sistemi ta' monitoraġġ tal-bastimenti skont ir-regolamenti tal-UE li jorbtu wkoll lir-Renju Unit qabel il-Brexit; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tkompli bl-isforzi tagħha biex tasal għal ftehim dwar il-kwistjonijiet ta' liċenzjar mhux solvuti, inkluż il-livell ta' aċċess għal bastimenti tas-sajd liċenzjati fl-ilmijiet tar-Renju Unit u tad-Dipendenzi tal-Kuruna, u biex flimkien mar-Renju Unit tiżviluppa sistema ta' liċenzjar futura li taħdem fil-prattika;
14. Jinnota li l-kwistjonijiet dwar il-liċenzjar tal-bastimenti tal-UE għandhom impatt kbir fuq is-sajjieda fuq skala żgħira, speċjalment dawk mit-Tramuntana ta' Franza u min-Normandija, peress li dawn il-bastimenti ma jistgħux ibiddlu ż-żoni tas-sajd tagħhom;
15. Iħeġġeġ lill-partijiet tal-FKK isaħħu l-isforzi tagħhom biex jippromwovu sajd sostenibbli u governanza tajba tas-sajd fuq livell internazzjonali, billi jippromwovu l-istabiliment ta' organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, b'mod partikolari, tikkoopera mal-awtoritajiet Brittaniċi u mal-partijiet l-oħra involuti fl-istabiliment ta' organizzazzjoni reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd fin-Nofsinhar tal-Atlantiku;
16. Jesprimi tħassib tiegħu dwar l-impatt tal-ispostament tal-isforz tas-sajd wara l-implimentazzjoni tal-FKK, speċjalment fil-Kanal Inġliż; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi pjan ta' ġestjoni reġjonali għall-Kanal Inġliż u għall-Baħar tat-Tramuntana biex jittaffa dan l-impatt u jiġi evitat is-sajd eċċessiv;
17. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jiżguraw li d-deċiżjonijiet kollha meħuda fl-ambitu tal-FKK jirrispettaw il-prerogattivi tal-istituzzjonijiet differenti u jsegwu l-proċessi leġislattivi xierqa, b'mod partikolari d-deċiżjonijiet li jinvolvu miżuri tekniċi;
18. Jilqa' l-fatt li kemm l-UE kif ukoll ir-Renju Unit huma membri tal-Alleanza ta' Azzjoni dwar is-Sajd IUU, stabbilita f'Ġunju 2022 biex trawwem l-ambizzjoni u l-azzjoni fil-

ġlieda kontra s-sajd IUU fil-livell internazzjonali;

19. Ifakkar li l-FKK jippermetti lill-partijiet tiegħu jikkonsultaw mas-soċjetà ċivili; jitlob għalhekk li r-rappreżentanti tas-settur tas-sajd, l-awtoritajiet reġjonali, il-komunitajiet kostali u partijiet ikkonċernati oħra jkunu involuti b'mod attiv fil-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-FKK; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, għal dak il-għan, tippromwovi l-istabbiliment ta' grupp konsultattiv intern domestiku dwar is-sajd, mingħajr preġudizzju għall-kunsilli konsultattivi eżistenti;
20. Itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex tħaddan ir-rwol tagħha bħala r-rappreżentant tal-UE fin-negozjati ma' pajjiżi mhux tal-UE, sabiex tkun tista' tippromwovi mudelli ta' ġestjoni parteċipattiva msaħħa u ġestjoni konġunta f'sitwazzjonijiet transfruntiera ma' pajjiżi mhux tal-UE;
21. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-ħidma tal-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd tkun trasparenti u li l-Parlament ikun aġġornat regolarment dwar din il-ħidma u d-deċiżjonijiet meħuda; jitlob, kif mitlub preċedentement mill-Parlament⁴, li rappreżentanti tekniċi mill-Kumitat għas-Sajd ikunu mistiedna jieħdu sehem fil-laqgħat tal-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd bħala osservaturi.

⁴ [Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' April 2022 dwar il-futur tas-sajd fil-Kanal Ingliż, fil-Baħar tat-Tramuntana, fil-Baħar Irlandiż u fl-Oċean Atlantiku fid-dawl tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE \(ĠU C 434, 15.11.2022, p. 2\)](#)

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Artikolu 58 – Proċedura b’kumitati konġunti Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	15.12.2022
Data tal-adozzjoni	27.6.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+ : 25 - : 0 0 : 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Clara Aguilera, João Albuquerque, Izaskun Bilbao Barandica, Isabel Carvalhais, Maria da Graça Carvalho, Asger Christensen, Rosanna Conte, Francisco Guerreiro, Niclas Herbst, France Jamet, Pierre Karleskind, Predrag Fred Matić, Francisco José Millán Mon, João Pimenta Lopes, Caroline Roose, Bert-Jan Ruissen, Annie Schreijer-Pierik, Marc Tarabella, Peter van Dalen, Theodoros Zagorakis
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Luke Ming Flanagan, Ska Keller, Gabriel Mato, Grace O’Sullivan, Nikos Papandreou, Raffaele Stancanelli, Annalisa Tardino
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Fabienne Keller

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

25	+
ECR	Bert-Jan Ruissen, Raffaele Stancanelli
ID	Rosanna Conte, France Jamet
NI	Marc Tarabella
PPE	Maria da Graça Carvalho, Peter van Dalen, Niclas Herbst, Gabriel Mato, Francisco José Millán Mon, Annie Schreijer-Pierik, Theodoros Zagorakis
Renew	Izaskun Bilbao Barandica, Asger Christensen, Pierre Karleskind, Fabienne Keller
S&D	Clara Aguilera, João Albuquerque, Isabel Carvalhais, Predrag Fred Matic, Nikos Papandreou
Verts/ALE	Francisco Guerreiro, Ska Keller, Grace O'Sullivan, Caroline Roose

0	-

1	0
The Left	João Pimenta Lopes

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni